**QORTI CIVILI – PRIM'AWLA**

**IMHALLEF:**

**ONOR. DR. GINO CAMILLERI,LL.D.**

**SEDUTA tas-27 ta' April, 2001.**

**Citazzjoni numru 510//01GC**

**Nectar Limited**
**Vs.**
**M.A. Supermarkets Limited**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni li biha is-socjeta attrici wara li ppremettiet:-

Illi is-socjeta attrici bieghet u ikkonsenjat merkanzija lis-socjeta konvenuta;

Illi, mill-bejgh maghmul u merkanzija debitament konsenjata ghad hemm bilanc tal-prezz dovut lis-socjeta attrici, liema bilanc jammonta ghas-somma ta' Elf tmien mija u hmistax il-lira disa u sebghin centezmi (LMl815.79);

Illi ghalkemm interpellata biex thallas, is-socjeta konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi, dan id-debitu tas-socjeta konvenuta fil-konfront tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u skadut ai termini tal-artikolu l67 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kif l-istess socjeta attrici tikkonferma fid-

dikjarazzjoni annessa, u fil-fehma tas-socjeta attrici is-socjeta konvenuta m'ghandiex eccezzjonijiet x'tagahti;

Talbet ghalhekk lis-socjeta konvenuta tghid ghaliex ghar-ragunijiet premessi, m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikkjara lis-socjeta konvenuta debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' Lml8l5.79;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma hekk likwidata;

3. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Art. L67 tal-Kap. L2 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-imghax legali u bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalemnt ma din ic-citazzjoni, kontra is-socjeta konvenuta, li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tas-socjeta attrici u id-dokumenti l-ohra;

Rat li is-socjeta konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u fis-seduta tallum imsejjha tlett darbiet lanqas ma deheret;

Peress li fic-cirkostanzi t-talbiet kif dedotti fic-citazzjoni jidhru gustifikati u jidher wkoll li hemm lok li is-sentenza tinghata illum stess, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-artikolu l67 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' it-talbiet tas-socjeta attrici kif dedotti fic-citazzjoni, bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjes kontra is-socjeta konvenuta.

Imhallef

Deputat Registratur